RAPPORT DWAR INVESTIGAZZJONI

| | |
|---|---|
| **Każ nru:** | K/008 |
| **Ilment:** | Użu ħażin ta' riżorsi pubbliċi b'riżultat ta' użu ta' fondi pubbliċi għall-paġna personali ta' ministru fuq Facebook. (https://www.facebook.com/konradmizzi/) |
| **Min għamel l-ilment:** | L-Onor Dr Karol Aquilina |
| **Data tal-ilment:** | 8 ta' Mejju 2019 |
| **Data ta' dan ir-rapport:** | 2 ta' Diċembru 2019 |

## L-Ilment

1. B'email tat-8 ta' Mejju 2019 (anness u mmarkat Dokument A), l-Onor Dr Karol Aquilina ressaq is-segwenti ilment:

   *i.* Minn nhar il-Ħadd 5 ta' Mejju 2019 u fil-jiem ta' wara, fuq is-sit soċjali Facebook dehru diversi reklami bi ħlas li oriġinaw mill-paġna uffiċjali tal-Ministru għat-Turiżmu Konrad Mizzi u li kienu juru l-islogan u l-logo tal-Partit Laburista għall-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew u dawk tal-Kunsilli Lokali li kienu ser isiru nhar is-Sibt 25 ta' Mejju 2019.

   *ii.* Mill-Erbgħa 8 ta' Mejju 2019 'il quddiem bdew jidhru wkoll reklami bi ħlas li kienu juru d-diskors tal-Ministru Mizzi waqt il-Konferenza Ġenerali tal-Partit Laburista. [1]

   *iii.* Fit-18 ta' Frar 2019 il-Ministru Mizzi kien wieġeb il-Mistoqsija Parlamentari (PQ) nru 8796 waqt is-seduta numru 198 u fost affarijiet oħra indika li l-paġna uffiċjali tiegħu bħala Ministru għat-Turizmu fuq is-sit soċjali

[1] Dan il-filmat huwa aċċessibbli permezz ta' din il-link: https://www.facebook.com/konradmizzi/videos/815284708857299/

Facebook, li tinsab fl-indirizz https://www.facebook.com/konradmizzi/, hija waħda mill-paġni amministrati mill-Ministeru għat-Turiżmu.

iv. Għaldaqstant jirriżulta li l-paġna uffiċjali tal-Ministru Mizzi fuq Facebook li kienet amministrata mill-Ministeru għat-Turiżmu, u għalhekk mill-amministrazzjoni pubblika, kienet qed tintuża għal skopijiet ta' politika partiġġjana.

v. Fil-fehma tal-Ilmentatur l-aġir tal-Ministru Konrad Mizzi kien jammonta għal:

a. ksur ta' dmir statutorju in kwantu kien qed isir użu minn fondi u riżorsi pubbliċi għal skopijiet politiċi b'mod li jikser l-obbligu tal-istat li jittratta l-partiti politiċi b'mod ugwali. Saret referenza għall-artikolu 5 tal-Att dwar il-Finanzjament tal-Partiti Politiċi (il-kapitolu 544 tal-Liġijiet ta' Malta) li jgħid:

> *5. Il-partiti politiċi għandhom jirċievu trattament ugwali mill-Istat mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe liġi jew regolament ibbażat fuq differenzi oġġettivi partikolarment rigward id-daqs tal-partiti jew li jirregolaw it-tħaddim tal-proċess elettorali*

b. ksur tad-dmirijiet etiċi kif imniżżla fil-Kodiċi ta' Etika għall-Ministri u s-Segretarji Parlamentari li jinsab fit-Tieni Skeda tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika (il-kapitolu 570 tal-Liġijiet ta' Malta). B'mod partikolari, bl-aġir tiegħu l-Ministru Konrad Mizzi kien qed jikser dawn l-artikoli tal-Kodiċi:

> *4.9 Il-Ministri għandhom izommu separati r-rwoli tagħhom bħala Ministri u bħala Deputati, kif ukoll ir-rwol tagħhom bħala membru ta' partit politiku.*
> *4.10 Il-Ministri għandhom jirrispettaw il-prinċipju tal-imparzjalità politika tas-servizz pubbliku.*

2. L-Ilmentatur fornieni b'kopja tal-filmat tad-diskors mogħti mill-Ministru Mizzi fil-Konferenza Ġenerali tal-Partit Laburista (flimkien mat-traskrizzjoni relattiva) li ġie mtella' fuq il-paġna fuq Facebook tal-Ministru Mizzi (ara l-link fin-nota 1 fuq).

## Deċiżjoni li Ninvestiga

3. Iddeċidejt li l-Ilment kien jimmerita aktar investigazzjoni skont l-Att.

## Il-Fatti

4. Fi Frar 2019, il-Mistoqsija Parlamentari nru 8796 talbet lill-Ministru Mizzi jelenka "l-paġni, profili u gruppi fuq *Facebook* li huma amministrati mill-Ministeru għat-Turiżmu u mill-entitajiet kollha li jaqgħu taħtu jew minn persuni oħra jew kumpaniji f'isem il-Ministeru għat-Turiżmu u f'isem l-entitajiet kollha li jaqgħu taħtu". Ir-risposta tal-Ministru Mizzi għal din il-mistoqsija, kif mogħtija fit-18 ta' Frar 2019, inkludiet il-paġna tiegħu fuq Facebook taħt it-titolu "Minister for Tourism Official Page".

5. Aġġornament sponsorjat (sponsored post) li oriġina mill-paġna fuq Facebook tal-Ministru Mizzi (jiġifieri riklam imħallas permezz ta' w in konnessjoni mal-paġna fuq Facebook tal-Ministru Mizzi, imma li jidher fil-paġni ta' persuni oħra li ma jsegwux il-Ministru Mizzi fuq Facebook) kien jinkludi d-dikjarazzjoni "This page is maintained by the Ministry for Tourism", kif muri hawn taħt. Dan ir-ritratt tal-paġna (screenshot) ġie pprovdut mill-Ilmentatur.




6. Irriżulta minn indaġni magħmula mill-uffiċċju tiegħi f'Mejju tal-2019 li d-dikjarazzjoni "This page is maintained by the Ministry for Tourism" dehret ukoll fit-taqsima "About" tal-paġna fuq Facebook tal-Ministru Mizzi, kif jidher fil-parti t'isfel tar-ritratt tal-paġna li hija riprodotta hawn taħt.




7. L-istess taqsima kienet tinkludi lil Alex Cutajar bħala "team member", jiġifieri persuna li kienet tamministra l-paġna fuq Facebook tal-Ministru Mizzi.

8. Il-paġna fuq Facebook tas-Sur Cutajar innifsu kienet tgħid li huwa kien impjegat bħala Head of Marketing and Communications fil-Ministeru għat-Turiżmu. Id-dettalji fl-email account uffiċjali tas-Sur Cutajar kienu jindikaw li din il-kariga kienet parti mis-segretarjat tal-Ministru Mizzi.

9. Kmieni waqt din l-investigazzjoni, id-dikjarazzjoni "This page is maintained by the Ministry for Tourism" tneħħiet mit-taqsima "About" tal-paġna fuq Facebook tal-Ministru Mizzi, u tneħħa wkoll isem is-Sur Cutajar bħala team member.

10. Il-paġna fuq Facebook tal-Ministru Mizzi kienet tinkludi aġġornamenti ta' natura politika, bħad-diskors tiegħu fil-konferenza ġenerali annwali tal-Partit Laburista f'April 2019, u aġġornamenti relatati mad-dmirijiet uffiċjali tiegħu bħala ministru. Eżempju minn dawn tal-aħħar jidher hawn taħt.




11. Dan l-aġġornament huwa notevoli għax fih stampa li tinkludi l-logo uffiċjali tal-Ministeru għat-Turiżmu flimkien mal-logo personali ta' Dr Konrad Mizzi. Diversi aġġornamenti oħra kienu jinkorporaw ritratti biż-żewġ logos. Barra minn dan, l-istampa li ntużat f'dan l-aġġornament partikolari hija ġġenerata bil-computer, kif spiss isir għal skopijiet ta' disinn arkitettoniku.

12. L-użu ta' midja soċjali fis-Servizz Pubbliku huwa regolat permezz ta' policy maħruġa bħala ċ-Ċirkolari tal-Uffiċċju tal-Prim Ministru nru 21/2015 fl-14 ta' Diċembru 2015. Din il-policy tindirizza l-użu ta' midja soċjali personali minn uffiċjali pubbliċi kif ukoll l-użu ta' mezzi soċjali uffiċjali f'isem il-ministeri u d-dipartimenti. Madankollu, il-policy ma tindirizzax l-użu ta' midja soċjali minn jew f'isem ministri.

13. Dr Konrad Mizzi rreżenja mill-kariga ta' Ministru għat-Turiżmu fis-26 ta' Novembru 2019 għal raġunijiet li mhumiex konnessi ma' dan il-każ.

## Proċedura tal-Investigazzjoni

14. Ktibt lill-Ministru Mizzi fit-13 ta' Mejju 2019 (kopja tal-ittra hija annessa u mmarkata Dokument B) u rreferejtu għad-dispożizzjonijiet li dehru relevanti għall-ilment, ċjoe l-artikolu 5 tal-Att dwar il-Finanzjament tal-Partiti Politiċi (il-kapitolu

544 tal-Liġijiet ta' Malta) u l-artikoli 4.9 u 4.10 tal-Kodiċi ta' Etika għall-Ministri u Segretarji Parlamentari li jinsab fit-tieni skeda tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika (il-kapitolu 570 tal-Liġijiet ta' Malta).

15. Fl-14 ta' Mejju 2019 iltqajt mal-Onor Karol Aquilina u tlabtu jikkjarifika xi aspetti tal-ilment tiegħu.

16. Il-Ministru Mizzi, permezz tal-avukat tiegħu Aron Mifsud Bonnici, wieġeb b'ittra datata 23 ta' Mejju 2019 (kopja annessa u mmarkata Dokument C) fejn ċaħad l-allegazzjonijiet u għamel is-sottomissjonijiet li huma riprodotti taħt ir-ras Sottomissjonijiet bil-Miktub, taħt.

17. Fit-3 ta' Ġunju 2019 erġajt ktibt lill-Ministru Mizzi (Dokument D) u tlabtu jispjega għalfejn:

- Fit-18 ta' Frar 2019 huwa kien wieġeb mistoqsija parlamentari dwar il-paġni fuq Facebook li huma amministrati mill-Ministeru għat-Turiżmu u l-entitajiet li jaqgħu taħtu, u t-tweġiba tiegħu inkludiet il-paġna in kwistjoni taħt it-titolu "Minister for Tourism Official Page".
- Sa dakinhar li ktibtlu, il-paġna in kwistjoni kienet għadha tgħid "This page is maintained by the Ministry for Tourism" (ara l-paragrafu 6 fuq).

18. Fid-dawl ta' dawn iz-zewg osservazzjonijiet u d-dikjarazzjoni tal-Ministru li l-aġġornamenti sponsorjati tħallsu minn fondi privati, tlabt evidenza li l-aġġornamenti sponsorjati li ma kinux relatati max-xogħol ministerjali tiegħu tħallsu minn fondi privati.

19. Il-Ministru Mizzi wieġeb permezz ta' ittra fit-28 ta' Ġunju 2019 (Dokument E) li l-kontenut tagħha huwa riprodott taħt. Fattura (invoice) għas-servizzi hemm deskritti, flimkien ma' rċevuta relattiva, kienu annessi mal-ittra.

20. Fit-30 ta' Lulju 2019 iltqajt mal-Ministru Mizzi, li kien akkumpanjat mill-avukat tiegħu Dr Aron Mifsud Bonnici, u tlabtu jispjega l-pożizzjoni tiegħu aktar fid-dettall. Jien kont akkumpanjat mid-Direttur Ġenerali fl-uffiċċju tiegħi, Charles Polidano.

21. Fl-10 ta' Ottubru 2019 ktibt lis-Segretarju Permanenti Ewlieni biex nistaqsi jekk kenitx teżisti policy dwar l-użu ta' midja soċjali apparti dik maħruġa b'ċirkolari fl-14 ta' Diċembru 2015. Is-Segretarju Permanenti Ewlieni wieġeb li l-uniċi linji gwida fis-servizz pubbliku kienu dawk li jien irreferejt għalihom fl-imsemmija email (skambju ta' korrispondenza annessa bħala Dokument F).

## Sottomissjonijiet bil-miktub

22. B'risposta għall-Ilment, l-avukat tal-Ministru ssottometta formalment (fit-23 ta' Mejju 2019) li:

*"Il-paġna in kwistjoni hija ta' Dr Konrad Mizzi. Peress li preżentement Dr Mizzi jokkupa kariga ministerjali, il-paġna essenzjalment tirrifletti l-attività tiegħu bħala Ministru għat-Turiżmu, u meta jkun hemm attività relatata max-xogħol ministerjali u mal-ħajja pubblika tal-Ministru Konrad Mizzi bħala Ministru responsabbli mill-Ministeru għat-Turiżmu, din tkun amministrata mit-team tal-public relations fil-Ministeru.*

*Din il-paġna baqgħet però ta' Dr Konrad Mizzi, tant li titla' fis-search ta' Facebook meta wieħed ifittex għal Konrad Mizzi, mhux meta wieħed ifittex għall-Ministeru għat-Turiżmu. Jista' jkollha għalhekk numru ta' posts li mhumiex relatati ma' xogħol tal-Gvern iżda mal-ħajja politika ta' Dr Mizzi innifsu. Xi posts bħal dawn jistgħu ukoll ikunu rriklamati (sponsored posts), iżda f'dan il-każ ma jkunux amministrati jew imħallsin mill-Ministeru għat-Turiżmu jew minn fondi pubbliċi iżda minn fondi privati.*

*Il-posts imsemmija fl-ilment huma propju posts li jirrelataw għal dawn it-tip ta' każijiet, fejn ġew imtellgħin b'mod privat u mħallsin ukoll b'mod privat għaliex għandhom x'jaqsmu mal-kampanja tal-Partit Laburista u mhux max-xogħol tal-Ministeru.*

*Għar-rigward tal-iscreen shot in kwistjoni, dan jidher li hu għal kollox dovut għas-sistema tal-impaġinar ta' Facebook fil-każ tar-ritratt prinċipali ta' paġna (cover image). Jidher li l-logo elettorali tal-Partit Laburista "Malta f'Qalbna" tpoġġa minflok cover image oħra dwar ix-xogħol ministerjali, u s-sistema tal-Facebook ħalliet il-caption tar-ritratt preċedenti. Din il-caption tneħħiet manwalment wara li dan il-fatt ġie għall-attenzjoni tat-team tal-public relations tal-klijent tiegħi.*

*Dr Mizzi għalhekk jissottometti li ma hemm ebda ksur tal-Att dwar il-Finanzjament tal-Partiti in kwantu ma kien hemm ebda finanzjament tal-Partit Laburista minn fondi pubbliċi.*

*Barra minn hekk, l-ilment mhux ġustifikat fejn jallega ksur tal-artikoli 4.9 u 4.10 tal-Kap. 570. Dr Mizzi jżomm separat il-funzjoni tiegħu ta' Ministru minn dik ta' Deputat Parlamentari u membru ta' partit politiku. Ir-regoli tal-Kodiċi tal-Etika ma jfissrux li xi politiku huwa prekluż milli jesponi x-xogħol governattiv tiegħu fuq il-paġna ta' Facebook li ġġib ismu. Din hija prassi li teżisti fid-dinja kollha, fejn politiċi f'karigi*

*pubbliċi jesponu x-xogħol Ministerjali tagħhom fuq paġni ta' social media tagħhom."*

## Konsiderazzjonijiet

23. Il-prinċipju in kwistjoni hawnhekk huwa relatat mal-qsim tal-linja fina li tissepara l-irwol ta' ministru u dak ta' politiku permezz tal-użu ta' fondi u riżorsi pubbliċi fl-immaniġġjar tal-paġna personali tal-ministru fuq Facebook u l-inklużjoni ta' materjal f'dik il-paġna. L-irwol ta' ministru huwa rwol pubbliku u dak ta' politiku hu rwol privat. Hemm bżonn li jissaħħaħ il-prinċipju li hu x'inhu l-irwol pubbliku li wieħed jokkupa, l-irwol privat m'għandux jiġi ffinanzjat b'fondi pubbliċi u ż-żewġ rwoli għandhom jinżammu separati u distinti, diffiċli kemm dan jista' jidher għal x'uħud.

24. L-ilment hu bbażat fuq il-premessa li l-paġna in kwistjoni fuq Facebook hija amministrata mill-Ministeru u li din il-paġna tinkludi aġġornamenti ta' natura politika. Madankollu l-Ministru Mizzi jgħid li l-paġna hija tiegħu. F'kull każ l-użu ta' riżorsi pubbliċi fl-immaniġġjar tal-paġna jew fil-ħolqien ta' kontenut għaliha jagħti lok għal tħassib mill-perspettiva tal-etika.

25. Kieku l-paġna kienet tal-Ministeru flok tal-Ministru, kien iqum l-argument li l-paġna qegħda tiġi ffinanzjata/amministrata permezz ta' fondi pubbliċi bil-għan li tippromwovi lill-Ministru Mizzi u l-partit politiku tiegħu, filwaqt li jekk il-paġna hija tal-Ministru Mizzi jqum l-argument li l-appoġġ mill-Ministeru fil-forma ta' "amministrazzjoni" kif ukoll kull forma oħra ta' appoġġ hu daqstant ħażin għax ir-riżorsi qegħdin jintużaw bħall-benefiċċju ta' politiku u tal-interessi partiġġjani tiegħu.

26. Din il-kwistjoni tieħu importanza partikolari in konnessjoni mal-iffinanzjar ta' aġġornamenti sponsorjati (tip ta' riklam) biex jippromwovu l-paġna, u l-użu ta' riżorsi uffiċjali fl-iżvilupp ta' kontenut biex jixxandar permezz tal-paġna. Anki jekk l-aġġornamenti sponsorjati u l-kontenut hekk żviluppat huma relatati mad-dmirijiet uffiċjali ta' ministru, ix-xandir ta' dawk l-aġġornamenti u dak il-kontenut permezz tal-paġna personali tal-ministru fuq Facebook jirrappreżenta l-użu ta' riżorsi pubbliċi għall-benefiċċju tiegħu personali. Kontenut uffiċjali għandu jixxandar l-ewwel u qabel kollox minn mezzi uffiċjali, anki jekk sussegwentement jittellgħu links għal dak il-kontenut fil-paġna personali tal-ministru fuq Facebook.

27. Għalhekk, l-ewwel domanda li għandha tiġi kkunsidrata hija jekk il-paġna in kwistjoni fuq Facebook hijiex tal-Ministru Mizzi kif qed jallega l-Ministru konċernat,

jew inkella tal-Ministeru għat-Turiżmu kif allegat mill-Ilmentatur a bażi tar-risposta tal-Ministru għall-PQ imsemmija fuq u skont id-dikjarazzjoni li dehret fil-paġna stess.

28. Fuq il-bażi tal-evidenza disponibbli, jiena lest naċċetta l-verżjoni tal-Ministru Mizzi li l-paġna in kwistjoni fuq Facebook hija tiegħu personali, u li l-inklużjoni tal-kliem "administered by the Ministry for Tourism", kif ukoll ir-risposta tiegħu għall-PQ fejn qal li l-paġna fuq Facebook hija amministrata mill-Ministeru għat-Turiżmu, seħħew bi żball. **Madankollu, żbalji bħal dawn huma xhieda ta' atteġġjament każwali żżejjed lejn id-distinzjoni bejn l-irwol pubbliku u l-irwol privat ta' persuni fil-politika.**

29. Minix qed ngħid li dan hu li rriżulta fil-każ taħt investigazzjoni, anzi qed ngħid li **dan il-każ huwa xhieda li l-linja bejn il-kampanja privata u l-irwol pubbliku ġiet imċajpra u li ma ġiex evitat il-qsim ta' din il-linja**. Dan l-Ilment wera li l-persuni risponsabbli għall-kont tal-midja soċjali tal-Ministru kienu qed jassumu li l-paġna kienet amministrata mill-ministeru u l-uffiċjali fil-ministeru ħasbu li kien aċċettabbli li l-gvern isostni l-paġna privata fuq Facebook tal-ministru tagħhom permezz ta' aġġornamenti sponsorjati. Saħansitra nkludew dik il-paġna mal-lista ta' paġni amministrati mill-ministeru f'risposta għal mistoqsija parlamentari.

30. Il-mistoqsija parlamentari in kwistjoni mhix l-unika istanza fejn intqal li l-paġna fuq Facebook tal-Ministru Mizzi qed tiġi amministrata mill-ministeru. Fid-19 ta' Lulju 2018 il-website Lovin Malta rriproduċiet stqarrija mill-ministeru li qalet "*Kindly be informed that a public page for the initiatives of Minister Konrad Mizzi is administered by the Ministry for Tourism*" ... "*The Facebook page is a legitimate and cost-effective channel for dissemination of information of public interest. Only posts related to public activities may be promoted through public funds.*"[2]

31. Huwa żball li wieħed jiddeskrivi paġna personali ta' ministru bħala "paġna uffiċjali", kif ġara fir-risposta għall-PQ, għax dan iżid it-taħwid. L-użu tal-kelma "uffiċjali" jagħti l-impressjoni, forsi mhux b'intenzjoni, li l-paġna tinkludi biss informazzjoni relatata mad-dmirijiet uffiċjali tal-ministru, meta tipikament tinkludi informazzjoni dwar l-attivitajiet politiċi tiegħu kif ukoll tal-partit politiku tiegħu. Il-paġna personali ta' ministru fuq Facebook għandha tinżamm distinta minn dik tal-ministeru u idealment uffiċjali tal-ministeru m'għandhom jagħtu ebda sehem fl-amministrazzjoni tal-paġna in kwistjoni.

---

[2] https://lovinmalta.com/news/its-official-your-taxes-are-paying-for-konrad-mizzi-to-boost-posts-on-his-facebook-page/

32. M'għandi ebda dubju li dan huwa r-riżultat ta' familjarità żejda u kważi inċestuża.

## Konklużjoni

33. Fir-rigward tal-allegazzjoni li l-Ministeru seta' sponsorja l-aġġornamenti marbuta mad-diskors tal-Ministru Mizzi fil-Konferenza Ġenerali tal-Partit Laburista, kif ukoll l-aġġornamenti relatati mal-kampanja elettorali tal-Partit Laburista, il-fatturi li ġew ippreżentati lili juru li t-tali aġġornamenti tħallsu mit-team tal-kampanja tal-Ministru Mizzi (Team Konrad). Ġaladarba r-reklami tħallsu minn Team Konrad wieħed ma jistax jikkonkludi li kien hemm ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Finanzjament tal-Partiti Politiċi, billi wieħed ma jistax jikkonkludi li kien hemm finanzjament tal-Partit Laburista minn fondi pubbliċi.

34. F'kull każ l-Awditur Ġenerali jista' jindaga dwar din il-kwistjoni bħala parti mill-verifika tar-rapporti finanzjarji tal-Ministeru.

35. Huwa emfasizzat li l-ministri għandhom jevitaw l-użu ta' riżorsi tal-ministeri fil-produzzjoni ta' materjal għall-kontijiet tagħhom personali fil-midja soċjali, anki jekk it-tali materjal ikun direttament relatat max-xogħol ministerjali tagħhom. Ikun aċċettabbli li wieħed iżid link għal filmat ta' attività li ġie ffinanzjat bl-użu ta' riżorsi pubbliċi u xxandar permezz ta' mezzi uffiċjali, iżda mhux li wieħed juża fondi pubbliċi biex jipproduċi feed għal attività esklussivament bl-iskop li l-feed tintwera fil-paġna personali tal-ministru fuq Facebook.

36. Per eżempju, ma naqbilx mal-pożizzjoni li ħa l-Ministru, kif ikkomunikata fl-ewwel paragrafu tas-sottomissjonijiet tiegħu, li *"meta jkun hemm attività relatata max-xogħol ministerjali u mal-ħajja pubblika tal-Ministru Konrad Mizzi bħala Ministru responsabbli mill-Ministeru għat-Turiżmu, din tkun amministrata mit-team tal-public relations fil-Ministeru"*. L-istess veduta ġiet ikkomunikata wkoll mill-Ministru Mizzi lil Lovin Malta permezz tal-istqarrija ikkwotata qabel. Din l-istqarrija tidher li qed tikkonferma li fondi pubbliċi kienu qed jintużaw biex jiġi ġenerat materjal bħala kontenut għal paġna personali fuq Facebook. Din il-kwistjoni se tiġi kkunsidrata b'mod speċifiku f'rapport ieħor.

37. Il-Ministru Mizzi jsostni li *"Ir-regoli tal-Kodiċi tal-Etika ma jfissrux li xi politiku huwa prekluż milli jesponi x-xogħol governattiv tiegħu fuq il-paġna ta' Facebook li ġġib ismu. Din hija prassi li teżisti fid-dinja kollha, fejn politiċi f'karigi pubbliċi jesponu x-xogħol Ministerjali tagħhom fuq paġni ta' social media tagħhom."* Naturalment

dan huwa minnu. Biss, ma' dan wieħed għandu jżid li l-ministru m'għandux juża r-riżorsi tal-ministeru huwa u jagħmel hekk.

38. Fl-ispirtu ta' titjib tal-istandards fil-ħajja pubblika u biex tiġi evitata l-perċezzjoni li xogħol professjonali li mhux għall-gvern qed jiġi transfinanzjat (cross-financed) permezz ta' fondi maħsuba għal servizzi promozzjonali uffiċjali f'isem il-ministeru, nirrakkomanda li wieħed għandu jevita sitwazzjoni fejn dawk li qed jipprovdu servizz lill-ministeru jkunu l-istess persuni li qed jipprovdu servizz lill-ministru fil-kapaċità personali tiegħu.

39. Fil-parti l-kbira tagħha din l-inċertezza ġejja minn assenza ta' policy dwar l-użu tal-midja soċjali. Ċirkolari maħruġa fl-14 ta' Diċembru 2015 tirreferi għall-użu tal-midja soċjali iżda ma tipprovdi ebda direzzjoni fuq din il-materja, fejn għandu jkun hemm ħafna attenzjoni biex ma jitħawdux l-attivitajiet pubbliċi u privati ta' persuni fil-ħajja pubblika.

40. Ta' min wieħed jgħid li dan mhux l-uniku lment li ġie rapportat lili dwar użu allegatament ħażin ta' medja soċjali minn ministri. Kif għedt qabel, jiena se nikkonkludi rapport ieħor fejn, fl-assenza ta' policy speċifika, se nelenka l-prinċipji dwar l-użu tal-medja soċjali li għandhom iservu ta' gwida għalija, kif ukoll għall-ministru u s-segretarji parlamentari, fl-interpretazzjoni tal-artikoli 4.9 u 4.10 tal-kodiċi ta' etika safejn hu kkonċernat l-użu tal-medja soċjali.

41. L-intenzjoni tiegħi kienet li nikkonkludi dan il-każ taħt l-artikolu 22(5) tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika, li tagħtini s-setgħa li nipproponi rimedju lill-persuna investigata u nagħlaq il-każ jekk dik il-persuna taċċetta u twettaq ir-rimedju. Ir-rimedju kien se jkun li l-Ministru formalment jirrikonoxxi li l-użu ta' riżorsi tal-ministeru għall-paġna tiegħu fuq Facebook tikkostitwixxi ksur *prima facie* tad-dispożizzjonijiet relevanti tal-kodiċi ta' etika, u jagħti struzzjonijiet lill-uffiċjali tiegħu li jkunu aktar konxji tad-distinzjoni bejn ir-rwol tiegħu bħala Ministru għat-Turiżmu u r-rwol tiegħu bħala politiku. Din l-azzjoni ma baqgħetx applikabbli minħabba r-riżenja tal-Ministru fis-26 ta' Novembru 2019.

42. Filwaqt li r-riżenja tal-Ministru mhix relatata ma' dan il-każ, xorta tirriżolvi l-każ għaliex il-persuna li dwarha sar l-Ilment m'għadhiex f'pożizzjoni li tkompli bl-imġiba li wassal għall-Ilment. F'dan is-sens ġie effettwat rimedju għall-ksur ta' etika li dan il-każ jittratta dwaru, u fuq din il-bażi jiena qed nikkonsidra l-każ magħluq ai termini tal-artikolu 22(5) tal-Att.

43. L-ilment taħt konsiderazzjoni hawn jikkonċerna speċifikament lill-Ministru Konrad Mizzi u kwistjonijiet usa' se jiġu indirizzat f'rapport ieħor.

44. Kopja ta' dan ir-rapport qed tingħata lill-Ilmentatur, lill-eks-ministru Konrad Mizzi, u lill-Awditur Ġenerali. Kopja qed tiġi wkoll sottomessa għal skopijiet ta' informazzjoni lill-Kumitat Permanenti għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika.

**Dr George-Marius Hyzler**
Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika

Dokumenti annessi:

| | |
|---|---|
| Dokument A | Ilment ta' Dr Karol Aquilina bid-data 8 ta' Mejju 2019 |
| Dokument B | Ittra tat-13 ta' Mejju 2019 tal-Kummissarju lill-Ministru Mizzi |
| Dokument C | Risposta ta' Dr Aron Mifsud Bonnici bid-data 23 ta' Mejju 2019 |
| Dokument D | Ittra tat-3 ta' Ġunju 2019 lill-Ministru Mizzi |
| Dokument E | Risposta ta' Dr Aron Mifsud Bonnici bid-data 28 ta' Ġunju 2019 |
| Dokument F | Skambju ta' korrispondenza bl-email mas-Segretarju Permanenti Ewlieni |

KAROL AQUILINA

8 ta' Mejju 2019

Dott. George Hyzler
Kummissarju għall-iStandards fil-Ħajja Pubblika
11, Triq San Pawl,
Il-Belt Valletta VLT 1210

Għażiż Dott. Hyzler,

Qiegħed niktiblek bħala Membru Parlamentari sabiex inressaq ilment dwar il-Ministru Konrad Mizzi u l-użu tal-paġna uffiċjali tiegħu bħala Ministru għat-Turiżmu fuq is-sit soċjali Facebook li tinsab fl-indirizz https://www.facebook.com/konradmizzi.

Matul il-jiem li għaddew u b'mod partikolari minn nhar il-Ħadd 5 ta' Mejju 2019 u fil-jiem ta' wara, fuq is-sit soċjali Facebook dehru diversi reklami bi ħlas (*ads*) li oriġinaw mill-paġna uffiċjali tal-Ministru għat-Turiżmu Konrad Mizzi u li kienu juru l-islogan u l-logo tal-Partit Laburista għall-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew u dawk tal-Kunsilli Lokali li ser isiru nhar is-Sibt 25 ta' Mejju 2019, kif jidher mill-i*screenshot* t'hawn taħt:




Mil-lum l-Erbgħa 8 ta' Mejju 2019 bdew jidhru wkoll reklami bi ħlas (*ads*) li jinkludu filmat ta' diskors li l-Ministru Konrad Mizzi għamel waqt il-Konferenza Ġenerali Annwali tal-Partit Laburista li saret nhar il-Ġimgħa 26 ta' April 2019 fiċ-Ċentru Nazzjonali Laburista fil-Ħamrun kif jidher mill-i*screenshot* t'hawn taħt:

m. 7927 4316 e. info@karolaquilina.com w. karolaquilina.com




Dan il-filmat huwa aċċessibbli permezz ta' din il-link:
https://www.facebook.com/konradmizzi/videos/815284708857299/

Nhar it-8 ta' Frar 2019 jiena ppreżentajt mistoqsija parlamentari (numru 8796) li kienet taqra hekk:

> "Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 8271 u jgħid liema huma l-paġni, profili u gruppi fuq Facebook li huma amministrati mill-Ministeru għat-Turiżmu u mill-entitajiet kollha li jaqgħu taħtu jew minn persuni oħra jew kumpaniji f'isem il-Ministeru għat-Turiżmu u f'isem l-entitajiet kollha li jaqgħu taħtu? Jista' l-Ministru jagħti l-isem tal-imsemmija paġni, profili u gruppi u jindika għal kull wieħed minnhom il-Uniform Resource Locator (URL) tagħhom?"

Il-Ministru Konrad Mizzi wieġeb din il-mistoqsija parlamentari waqt is-seduta numru 198 ta' nhar it-18 ta' Frar 2019 u fost oħrajn indika li l-paġna uffiċjali tiegħu bħala Ministru għat-Turiżmu fuq is-sit soċjali Facebook u li tinsab fl-indirizz fl-indirizz https://www.facebook.com/konradmizzi/ hija waħda mill-paġni amministrati mill-Ministeru għat-Turiżmu.

Kopja tal-mistoqsija parlamentari u tat-tweġiba mogħtija mill-Ministru Konrad Mizzi tinsab mehmuża ma' din l-ittra. Karol 1A

Għalhekk jirriżulta li l-paġna uffiċjali tal-Ministru Konrad Mizzi fuq is-sit soċjali Facebook u li hija amministrata mill-Ministeru għat-Turiżmu u għalhekk mis-servizz pubbliku, intużat u qiegħda tintuża għal skopijiet politiċi partiġġjani.

Fil-fehma tiegħi dan l-aġir tal-Ministru Konrad Mizzi jammonta għal ksur tad-dmirijiet statutorji in kwantu qed isir użu minn fondi u riżorsi pubbliċi għal skopijiet politiċi b'mod li jikser l-obbligu pożittiv tal-Istat li jitratta l-partiti politiċi b'mod ugwali. F'dan ir-rigward nagħmel referenza għal dik li jipprovdi l-artikolu 5 tal-Att dwar il-Finanzjament tal-Partiti Politiċi (Kap. 544 tal-Liġijiet ta' Malta) u ċjoè:

5. Il-partiti politiċi għandhom jirċievu trattament ugwali mill-Istat mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe liġi jew regolament ibbażat fuq differenzi oġġettivi partikolarment rigward id-daqs tal-partiti jew li jirregolaw it-tħaddim tal-proċess elettorali.

L-aġir tal-Ministru Konrad Mizzi jammonta wkoll għal ksur tad-dmirijiet etiċi kif imniżżla fil-Kodiċi għall-Ministri u s-Segretarji Parlamentari li kif żgur taf jinsab fit-Tieni Skeda tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika (Kap. 570 tal-Liġijiet ta' Malta). B'mod partikolari bl-aġir tiegħu l-Ministru Konrad Mizzi kiser u qed jikser dawn l-artikoli tal-Kodiċi:

4.9 Il-Ministri għandhom iżommu separati r-rwoli tagħhom bħala Ministri u bħala Deputati, kif ukoll ir-rwol tagħhom bħala membru ta' partit politiku.

4.10 Il-Ministri għandhom jirrispettaw il-prinċipju tal-imparzjalità politika tas-servizz pubbliku.

Għaldaqstant filwaqt li qiegħed inressaq dan l-ilment għall-konsiderazzjoni tiegħek, ġentilment nitolbok twettaq investigazzjoni u tasal għal dawk il-konklużjonijiet u tagħmel dawk ir-rakkomandazzjonijiet li jidhirlek li jkunu xierqa f'dan il-każ. Jiena nibqa' fi kwalunkwe ħin u ċirkostanzi dispost li nipprovdik bl-informazzjoni u bl-ispjegazzjonijiet li tista' tkun meħtieġ.

Inselli għalik,

Karol Aquilina

**Leġiżlatura**
XIII
**Kategorija**
ORAL
**Mistoqsija Numru:**
8796
**Data:**
08/02/2019
**Seduta:**
198 - 18/02/2019 04:00 PM
**Seduta *Interim*:**
-
**Titlu:**
Ministeru għat-Turiżmu - paġni, profili u gruppi fuq Facebook

**L-Onorevoli KAROL AQUILINA staqsa lill-Onorevoli KONRAD MIZZI (Ministru għat-Turiżmu):**
Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari **8271** **(http://pq.gov.mt/PQWeb.nsf/7561f7daddf0609ac1257d1800311f18/c1257d2e0046dfa1c125839300398bf3!OpenDocument)** u jgħid liema huma l-paġni, profili u gruppi fuq *Facebook* li huma amministrati mill-Ministeru għat-Turiżmu u mill-entitajiet kollha li jaqgħu taħtu jew minn persuni oħra jew kumpaniji f'isem il-Ministeru għat-Turiżmu u f'isem l-entitajiet kollha li jaqgħu taħtu? Jista' l-Ministru jagħti l-isem tal-imsemmija paġni, profili u gruppi u jindika għal kull wieħed minnhom il-*Uniform Resource Locator* (URL) tagħhom?

**Tweġiba:**
Dawn huma il-*Uniform Resource Locator (URL)* mitluba:

*Grand Harbour Regeneration Corporation:*

**https://www.facebook.com/Grand-Harbour-Regeneration-Corporation/**
**(https://www.facebook.com/Grand-Harbour-Regeneration-Corporation/)**

*Institute of Tourism Studies:*

**https://www.facebook.com/ITSMalta/** **(https://www.facebook.com/ITSMalta/)**

**https://www.facebook.com/ITSAlumni/** **(https://www.facebook.com/ITSAlumni/)**
**https://www.facebook.com/thevoyagerestaurant/** **(https://www.facebook.com/thevoyagerestaurant/)**
**https://www.facebook.com/Runwayaculinaryjourney/**
**(https://www.facebook.com/Runwayaculinaryjourney/)**

**https://www.facebook.com/The-Apron-Grab-Go/** (https://www.facebook.com/The-Apron-Grab-Go/)

*Malta Air Traffic Services:*
**https://www.facebook.com/MaltaAirTraffic/** (https://www.facebook.com/MaltaAirTraffic/)

*Mediterranean Conference Centre:*
**https://www.facebook.com/MaltaMCC/** (https://www.facebook.com/MaltaMCC/)

*Malta Film Commission:*
**https://www.facebook.com/MaltaFilmCommission/**
(https://www.facebook.com/MaltaFilmCommission/)

*Malta Film Fund:*
**https://www.facebook.com/MaltaFilmFund/** (https://www.facebook.com/MaltaFilmFund/)

*Malta Film Studios:*
**https://www.facebook.com/MaltaFilmStudios/** (https://www.facebook.com/MaltaFilmStudios/)

*Malta Tourism Authority:*
**https://www.facebook.com/visitmalta** (https://www.facebook.com/visitmalta)

**https://www.facebook.com/visitmaltauk** (https://www.facebook.com/visitmaltauk)
**https://www.facebook.com/visitmaltait** (https://www.facebook.com/visitmaltait)
**https://www.facebook.com/visitmaltafr** (https://www.facebook.com/visitmaltafr)
**https://www.facebook.com/visitmaltade** (https://www.facebook.com/visitmaltade)
**https://www.facebook.com/MooiMalta** (https://www.facebook.com/MooiMalta)
**https://www.facebook.com/visitmaltaes** (https://www.facebook.com/visitmaltaes)
**https://www.facebook.com/visitmaltarus** (https://www.facebook.com/visitmaltarus)
**https://www.facebook.com/visitmaltaus** (https://www.facebook.com/visitmaltaus)
**https://www.facebook.com/VisitMaltaNordic** (https://www.facebook.com/VisitMaltaNordic)
**https://www.facebook.com/VisitMaltaCZ** (https://www.facebook.com/VisitMaltaCZ)
**https://www.facebook.com/VisitMaltaPL** (https://www.facebook.com/VisitMaltaPL)
**https://www.facebook.com/MTAMalta** (https://www.facebook.com/MTAMalta)
**https://www.facebook.com/maltafireworks** (https://www.facebook.com/maltafireworks)
**https://www.facebook.com/maltachoirfest** (https://www.facebook.com/maltachoirfest)
**https://www.facebook.com/InGuardiaParade** (https://www.facebook.com/InGuardiaParade)

**https://www.facebook.com/maltagoesruralapp** (https://www.facebook.com/maltagoesruralapp)

*Minister for Tourism Official Page:*
**https://www.facebook.com/konradmizzi/** (https://www.facebook.com/konradmizzi/)

*Projects Malta Limited:*

**https://www.facebook.com/Projects-Malta** (https://www.facebook.com/Projects-Malta)

**Dokumenti annessi mal-mistoqsija:**

**Dokumenti mqiegħda fuq il-Mejda tal-Kamra:**

**Dokumenti annessi mar-risposta:**

L-aħħar bidla: 18/2/2019 05:20:10 PM - PQ ID 12DE3A2B273E89B5C125839B00443361

B

Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika

13 ta' Mejju 2019

L-Onor. Dott. Konrad Mizzi
Ministru għat-Turiżmu
233 Triq ir-Repubblika
Il-Belt Valletta VLT 1116

Bil-posta u bl-email fl-indirizz: konrad.mizzi@gov.mt

Ministru,

**Ilment K/008**

Irċevejt ilment dwar is-sit uffiċjali tiegħek fuq Facebook li hija amministrata mill-Ministeru għat-Turiżmu.

L-awtur tal-ilment qed jallega li f'dan is-sit qed jittella' kontenut ta' natura politika partiġġjana, u li dan jirrappreżenta ksur tal-artikolu 5 tal-Att dwar il-Finanzjament tal-Partiti Politiċi (kap. 544 tal-liġijiet ta' Malta) kif ukoll il-paragrafi 4.9 u 4.10 tal-Kodiċi ta' Etika għall-Ministri li jinsab fit-tieni skeda tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika (kap. 570).

Kopja tal-ilment hija mehmuża ma' din l-ittra.

Inti ġentilment mitlub tissottometti l-veduti tiegħek dwar l-ilment sa mhux aktar tard mill-Ġimgħa, 24 ta' Mejju 2019.

Inselli għalik,

George Marius Hyzler
Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika

MIFSUD BONNICI
ADVOCATES

C

40/1 Old Mint Street
Valletta VLT1514, Malta
(+356) 21230567
(+356) 21246977
www.mb.com.mt
info@mb.com.mt

23 ta' Mejju 2019

Dr George Hyzler
Commissioner for Standards in Public Life
11 St Paul Street
Valletta VLT1211

Għażiż Dr Hyzler,

Qiegħed nikteb għan-nom ta' Dr Konrad Mizzi.

Nirreferi għall-ittra tiegħek tat-13 ta' Mejju 2019 indirizzata lill-klijent tiegħi, fejn infurmajtu li kien hemm ilment mill-Onor. Karol Aquilina dwar il-paġna tiegħu fuq Facebook.

Il-klijent tiegħi ma jaqbilx mal-kontenut tal-ilment u jinformak bis-segwenti:

Il-paġna in kwistjoni hija ta' Dr Konrad Mizzi. Peress li preżentement Dr Mizzi jokkupa kariga ministerjali, il-paġna essenzjalment tirrifletti l-attività tiegħu bħala Ministru għat-Turiżmu, u meta jkun hemm attività relatata max-xogħol ministerjali u mal-ħajja pubblika tal-Ministru Konrad Mizzi bħala Ministru responsabbli mill-Ministeru għat-Turiżmu, din tkun amministrata mit-team tal-public relations fil-Ministeru.

Din il-paġna baqgħet però ta' Dr Konrad Mizzi, tant li titla' fis-search ta' Facebook meta wieħed ifittex għal Konrad Mizzi, mhux meta wieħed ifittex għall-Ministeru għat-Turiżmu. Jista' jkollha għalhekk numru ta' *posts* li mhumiex relatati ma' xogħol tal-Gvern iżda mal-ħajja politika ta' Dr Mizzi innifsu. Xi posts bħal dawn jistgħu ukoll ikunu rriklamati (sponsored posts), iżda f'dan il-każ ma jkunux amministrati jew imħallsin mill-Ministeru għat-Turiżmu jew minn fondi pubbliċi iżda minn fondi privati.

Il-posts imsemmija fl-ilment huma propju posts li jirrelataw għal dawn it-tip ta' każijiet, fejn ġew imtellgħin b'mod privat u mħallsin ukoll b'mod privat għaliex għandhom x'jaqsmu mal-kampanja tal-Partit Laburista u mhux max-xogħol tal-Ministeru.

Għar-rigward tal-iscreen shot in kwistjoni, dan jidher li hu għal kollox dovut għas-sistema tal-impaġinar ta' Facebook fil-każ tar-ritratt prinċipali ta' paġna (cover image). Jidher li l-logo elettorali tal-Partit Laburista "Malta f'Qalbna" tpoġġa minflok *cover image* oħra dwar ix-xogħol ministerjali, u s-sistema tal-Facebook ħalliet il-caption tar-ritratt preċedenti. Din il-caption tneħħiet manwalment wara li dan il-fatt ġie għall-attenzjoni tat-team tal-public relations tal-klijent tiegħi.

Dr Mizzi għalhekk jissottometti li ma hemm ebda ksur tal-Att dwar il-Finanzjament tal-Partiti in kwantu ma kien hemm ebda finanzjament tal-Partit Laburista minn fondi pubbliċi.

MIFSUD BONNICI
ADVOCATES

40/1 Old Mint Street
Valletta VLT1514, Malta
(+356) 21230567
(+356) 21246977
www.mb.com.mt
info@mb.com.mt

Barra minn hekk, l-ilment mhux ġustifikat fejn jallega ksur tal-artikoli 4.9 u 4.10 tal-Kap. 570. Dr Mizzi jżomm separat il-funzjoni tiegħu ta' Ministru minn dik ta' Deputat Parlamentari u membru ta' partit politiku. Ir-regoli tal-Kodiċi tal-Etika ma jfissrux li xi politiku huwa prekluż milli jesponi x-xogħol governattiv tiegħu fuq il-paġna ta' Facebook li ġġib ismu. Din hija prassi li teżisti fid-dinja kollha, fejn politiċi f'karigi pubbliċi jesponu x-xogħol Ministerjali tagħhom fuq paġni ta' *social media* tagħhom.

Dejjem tiegħek,

Aron Mifsud Bonnici
Mifsud Bonnici Advocates

D

**Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika**

3 ta' Ġunju 2019

L-Onor. Dott. Konrad Mizzi
Ministru għat-Turiżmu
233 Triq ir-Repubblika
Il-Belt Valletta VLT 1116

Bl-email fl-indirizz: konrad.mizzi@gov.mt
B'kopja lil Dott. A Mifsud Bonnici fl-indirizz: info@mb.com.mt

Ministru,

**Ilment K/008**

Nirreferi għall-ittra tiegħi tat-13 ta' Mejju 2019 u r-risposta tat-23 ta' Mejju 2019 tal-Avukat Aron Mifsud Bonnici f'ismek.

Ħadt nota tad-dikjarazzjoni fl-ittra tal-Avukat Mifsud Bonnici li l-paġna in kwistjoni fuq Facebook hija tiegħek personali. Għaldaqstant inti mitlub tikkjarifika kif:

- Fit-18 ta' Frar 2019 inti weġibt mistoqsija parlamentari dwar il-paġni fuq Facebook li huma amministrati mill-Ministeru għat-Turiżmu u l-entitajiet li jaqgħu taħtu. It-tweġiba tiegħek inkludiet il-paġna in kwistjoni taħt it-titolu "Minister for Tourism Official Page". Ara l-ilment tat-8 ta' Mejju 2019.
- Il-paġna in kwistjoni għadha ġġib il-kliem "This page is maintained by the Ministry for Tourism".

Fid-dawl ta' dawn iż-żewġ osservazzjonijiet, inti mitlub ukoll tagħtini provi li sponsored posts li ma kenux relatati ma' xogħol tal-Gvern tħallsu minn fondi privati.

Inselli għalik,

George Marius Hyzler
Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika

E

MIFSUD BONNICI
ADVOCATES

40/1 Old Mint Street
Valletta VLT1514, Malta
(+356) 21230567
(+356) 21246977
www.mb.com.mt
info@mb.com.mt

28 ta' Ġunju 2019

Dr George Hyzler
Commissioner for Standards in Public Life
11 St Paul Street
Valletta VLT1211

Għażiż Dr Hyzler,

**Re: Ilment K/008**

Qiegħed nikteb għan-nom ta' Dr Konrad Mizzi b'referenza għall-ittra tiegħek tat-3 ta' Ġunju 2019.

B'referenza għall-mistoqsija tiegħek, huwa korrett li l-paġna www.facebook.com/konradmizzi hija nkluża fost il-lista ta' paġni amministrati mill-Ministeru tat-Turiżmu peress li Dr Mizzi preżentement jokkupa l-kariga ta' Ministru għat-Turiżmu u l-attivitajiet prinċipali tiegħu huma marbuta max-xogħol tiegħu f'dik il-mansjoni, li għalhekk jeħtieġu koordinazzjoni mal-messaġġ ta' komunikazzjoni tal-Ministeru. Peress li din il-paġna ġġib ismu personali bħala politiku, l-attivitajiet personali tiegħu huma dejjem rapportati f'posts separati minn dawk amministrati mill-Ministeru, u huma għalhekk amministrati separatament. Peress li facebook jaħdem fuq bażi ta' posts individwali li jidhru fuq il-"wall" tal-utenti tal-platform, huwa possibbli li l-posts ikunu amministrati separatament, u, fejn dawn ikunu bi ħlas, jitħallsu separatament.

B'referenza għat-tieni mistoqsija tiegħek, nirreferik għall-ittra tiegħi tat-23 ta' Mejju 2019 dwar is-sistema tal-impaġinar ta' Facebook, u l-kwistjoni tal-*cover image*. Il-kliem "This page is maintained by the Ministry for Tourism" kien marbut ma' *cover image* dwar it-turiżmu li, meta ġiet sostitwita permezz tal-għażla "replace cover page", baqa' hemm. Din tneħħiet mal-ewwel opportunità wara li t-team tal-public relations tal-klijent tiegħi induna.

Kif mitlub minnek, qiegħed nannetti kopja tal-fattura u riċevuta relattiva għar-reklamar.

F'każ li teħtieġ kjarifiċi ulterjuri, ġentilment nitolbok li tkun skedata laqgħa għal dan il-għan biex ikun magħluq dan l-ilment.

Dejjem tiegħek,

Aron Mifsud Bonnici
Mifsud Bonnici Advocates

F

**Charles Polidano - Office of the Commissioner for Standards in Public Life**

| | |
|---|---|
| **From:** | George Hyzler - Office of the Commissioner for Standards in Public Life |
| **Sent:** | Monday, 14 October 2019 17:19 |
| **To:** | Charles Polidano - Office of the Commissioner for Standards in Public Life |
| **Subject:** | FW: [EXTERNAL] - K008 |

**From:** George Hyzler - Office of the Commissioner for Standards in Public Life
**Sent:** Monday, October 14, 2019 5:19 PM
**To:** Office of the Principal Permanent Secretary at OPM <pps@gov.mt>
**Subject:** RE: [EXTERNAL] - K008

Principal Permanent Secretary.
Thank you for your email below.
Contents are duly noted.
Regards,

---

**Dr George Marius Hyzler**
**Commissioner for Standards in Public Life**

11 St Paul Street, Valletta VLT 1210, Malta
+356 27 269 593 www.standardscommissioner.com

**From:** Office of the Principal Permanent Secretary at OPM <pps@gov.mt>
**Sent:** Monday, October 14, 2019 5:18 PM
**To:** George Hyzler - Office of the Commissioner for Standards in Public Life <commissioner@standardscommissioner.com>
**Subject:** RE: [EXTERNAL] - K008

Commissioner,

Thank you for your email.

I can confirm that the only guidelines on social media in the public service are given through the circular referred to in your email.

Thanks and regards

Mario Cutajar
Principal Permanent Secretary and Cabinet Secretary

**t** +356 22001489 **e** mario.cutajar@gov.mt | www.opm.gov.mt
*Kindly consider your environmental responsibility before printing this e-mail*

OFFICE OF THE PRIME MINISTER
AUBERGE DE CASTILLE, VALLETTA, MALTA

**From:** George Hyzler - Office of the Commissioner for Standards in Public Life
<commissioner@standardscommissioner.com>
**Sent:** 10 October 2019 16:28
**To:** Office of the Principal Permanent Secretary at OPM <pps@gov.mt>
**Subject:** [EXTERNAL] - K008

Principal Permanent Secretary

At a meeting held at my office a few months ago we had touched upon and discussed the issue of use of social media by Ministers and Parliamentary Secretaries.

I am aware that a policy on the use of social media was issued on 14 December 2015 by means of OPM Circular 21/2015, although this does not specifically address the issue mentioned above.

Could you kindly confirm whether this circular and the documents annexed to it are the only guidelines on use of social media issued by the government?

Please ignore previous (identical) email sent from my private email address.

Regards,

---

**Dr George Marius Hyzler**
**Commissioner for Standards in Public Life**

11 St Paul Street, Valletta VLT 1210, Malta
+356 27 269 593 www.standardscommissioner.com